



Brussell, 28 ta' Frar 2022
(OR. en)

6697/22

COH 11
FIN 260
SOC 109
CADREFIN 20

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 21 ta' Frar 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5844/22

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 26/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE: Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Frar 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 26/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE: Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali", approvat mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-3847 laqgħa tiegħu tal-21 ta' Frar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 26/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE: Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 26/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport li jipprovd kjarifiki utli dwar il-ħidma tal-awditjar fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni;
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti eżamina l-proċessi u l-proċeduri tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni għall-aċċettazzjoni tal-kontijiet u għall-valutazzjoni tagħha tar-regolarità tal-infiq. Il-Qorti eżaminat ukoll il-mod kif il-Kummissjoni tħejji u tippreżenta informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapporti annwali tal-attività u fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni;
- (3) JIRRIKONOXXI li x-xogħol tal-awditjar kopra l-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament 2014-2020 li kella l-għan li jippermetti lill-Kummissjoni tirrapporta riskju ta' żball residwu annwali għal kull sena kontabilistika u li l-awditu tal-Qorti kopra s-snin kontabilistiċi 2016-2017 u 2017-2018, dawk li għalihom il-Kummissjoni kienet lestiet il-valutazzjoni tagħha dwar ir-regolarità tal-infiq sottostanti għall-kontijiet annwali;
- (4) JENFASIZZA li, minħabba l-fatt li l-politika ta' koeżjoni hija politika ta' investiment fit-tul implementata taħt ġestjoni kondiviża, il-proġetti ffinanzjati mill-UE huma pluriennali u s-sistemi ta' kontroll u ċ-ċikli ta' ġestjoni relatati jridu jkopru diversi snin; barra minn hekk, JINDIKA l-fatt li s-sistema tal-awditjar għall-politika ta' koeżjoni tindirizza qafas differenti minn dak għall-programmi ta' ġestjoni diretta;

- (5) IQIS li s-sistema tal-awditjar stabbilita mill-Kummissjoni tipprovdi, fil-prinċipju, bażi robusta biex jinkiseb aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tal-infıq sottostanti f'kull sena kontabilistika;
- (6) JIRRIKONOXXI xi wħud mis-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
- Devjazzjonijiet mill-pjan tal-awditjar mhumiex ġustifikati bizzżejjed b'mod dokumentat;
 - Il-kontenut u l-istruttura tar-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni mhumiex ċari bizzżejjed;
 - Instabu inkonsistenzi fl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju;
- (7) JIEĦU NOTA tar-rakkmandazzjonijiet mogħtija mill-Qorti, b'mod partikolari [...]:
- It-titjib tad-dokumentazzjoni tal-awditjar u tal-proċess ta' rieżami;
 - It-tishħiħ tal-elementi ewlenin tal-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta fir-rapporti annwali tal-attività;
- (8) JAPPOĠĠA t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet u r-rakkmandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- Il-proposta f'dan l-istadju ta' bidla leġiżlattiva fil-qafas regolatorju 2021-2027 fir-rigward taż-żamma tal-pagamenti hija prematura; il-bidliet introdotti fir-regoli li jirregolaw is-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027 digħi għandhom l-għan li jiissal vagwardjaw aktar il-baġit tal-UE;
 - Żabalji identifikati permezz ta' awditi tal-konformità f'xi programmi u Stati Membri ma jistgħux jiġu estiżi għal programmi u Stati Membri oħra mhux awditjati;
 - Jenħtieġ li jinstab bilanċ tajjeb bejn it-titjib tar-rekord tal-awditjar u l-użu effiċċenti tar-riżorsi tal-awditjar;

- (9) IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tissimplifika aktar il-proċess tal-awditjar kif inbeda bil-ħolqien tas-Servizz konġunt tal-awditjar għall-Koeżjoni l-ġdid. F'dak is-sens, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:
- Ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-awditjar, fejn rilevanti, u tiżgura li l-awdituri kollha jsegwu r-rekwiżiti fis-seħħ;
 - Tkompli ssaħħħaħ ir-rekord tal-awditjar għall-istabbiliment tal-pjan tal-awditjar, inkluż rabtiet ċari mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju kif ukoll ma' kriterji rilevanti oħra;
 - Tiffaċilita l-fehim tal-qarrejja ta' din il-kwistjoni teknika u kumplessa;
- (10) IQIS li huwa importanti li ssir riflessjoni ulterjuri dwar l-impatt tal-użu ta' metodu statistiku għax-xogħol tal-awditjar, anke fuq il-livell aċċettabbli ta' żball, u dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati l-iżbalji, speċjalment dawk rikorrenti, sabiex jiġu kkoreġuti u aktar importanti biex jgħin fil-prevenzjoni ta' dawn l-iżbalji fil-futur;
- (11) HUWA TAL-FEHMA li l-fażi kontradittorja bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru hija mument importanti biex jiġu kondiviżi s-sejbiet kollha disponibbli rigward operazzjoni kontenzjuża, u li din id-diskussjoni m'għandhiex tiġi mminata; jekk tiġi pprovduta evidenza komplementari matul il-fażi ta' segwit li turi r-regolarità ta' xi partijiet tal-infiq, huwa loġiku li f'dan il-każ l-ammonti tal-korrezzjoni applikati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu aġġustati. L-awditjar huwa proċess dinamiku, u r-rati ta' żball jistgħu jiġu modifikati maż-żmien sakemm isiru definitivi f'rapport tal-awditu finali;
- (12) IQIS li l-fażi ta' segwit wara d-djalogu kontradittorju bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri m'għandhiex tieħu aktar żmien milli meħtieġ, sabiex jiġi evitat dewmien fl-għeluq ta' proċedura tal-awditjar dwar operazzjoni.
- (13) JISTIEDEN lill-Qorti biex, wara li tikkonsulta mal-Istati Membri, tagħmel suġġerimenti dwar kif jiġi implementat il-prinċipju ta' awditu uniku fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, sabiex tiġi ssimplifikata u tiżdied l-effiċjenza tal-ħidma tal-awditjar fil-livelli kollha.